**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u sebgħa u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru 2014 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

1. **Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |

**Skużati**

Il-Kunsillier Carmen Borg talbet li tkun skużata minħabba li kienet tinsab imsiefra fuq xogħol relatat mal-ħidma tal-Kunsill

**Assenti**

Il-Kunsillier Cedric Valletta kien assenti.

2. **Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

3. **Approvazzjoni tal-Minuti Seduta Nru 346**

Il-Minuti ġew iċċirkolati u ttieħdu bħala moqrija.

Il-Viċi Sindku talab kjarifika dwar l-attendenza tiegħu fl-aħħar Seduta, fejn hu nfurma lill-Kunsill li kien talab li jkun skużat . Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li n-nota ta' avviż waslet fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali permezz ta' email bil-ħin taż 17:26, ħin li s-Segretarju Eżekuttiv tkun tinsab fis-Sala tal-Kunsill tistenna li tibda l-laqgħa.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li tali avviżi għandhom jaslu matul il-ġurnata għallinqas u mhux ftit qabel il-laqgħa, speċjalment b'posta elettronika.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

### a) *Tender Supply & Installation of Playingfield Equipment in Ġnien Anton Buttigieg*

Is-Sindku nfurma lill-membri preżenti li bħalma ġie deċiż fl-aħħar laqgħa, t-tender ġie Awarded. Stennejna l-10 ijiem imposti mill-Liġi għal xi Appell u nfurmajna lill-Kuntrattur li ġie awarded b'din it-tender.

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li huwa mportanti li dawn it-tenders jiġu diskussi mill-bord tal-aġġudikazzjoni u mhux nintrabtu mal-Adjudication Report tal-Perit Biss. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-Bord tal-Aġġudikazzjoni għat-tender tal-Maintanance of Parks & Gardens'. Is-Sindku nfurmah li s'issa l-bord għadu ma' ltaqax. Is-Sindku offra lill-Viċi Sindku jkun parti mill-Bord. Il-Kunsillier Mario Caruana ssekonda.

Għaldaqstant il-Bord ta' Aġġudikazzjoni se jkun iffurmat mis-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsillier Carmen Borg u l-Kunsillier Antonello Cuschieri.

### b) *Rapporti ta' Vandaliżmu*

Il-Viċi Sindku staqsa x'sar mir-rapporti li tressqu mill-Kunsill dwar il-vandaliżmu. Is-Sindku kkonferma li s'issa ma kellna l-ebda risposta mill-Għassa tad-Distrett. Is-Sindku ssuġġerixxa li nistiednu lis-Supretendent tal-Għassa sabiex jattendi għal-laqgħa li jmiss. Il-Viċi Sindku Christian Sammut flimkien mal-kunsillier Mario Caruana ssuġġerew li nistiednu lis-Supretendent jiffissa ġurnata komda għalih u jiġu għaliha l-kunsilliera kollha.

### c) *Istrina 2014*

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-format tal-Fun Run 2014 inbidlu fl-aħħar ħin u l-Kunsill ma kellux kontroll fuqhom. Is-Sindku faħħar l-inizzjattiva li ħadet l-Għaqda Mużikali San Ġużepp, li pparteċipat bil-banda tagħha u animat Triq il-Kbira San Ġużepp b'daqq ta' marċi. Faħħar ukoll l-inizzjattiva tal-Għaqda Mużikali San Gejtanu li waddbu karti mill-gallarija tal-Każin u l-Ħamrun Scouts Group li ta' kull sena jżommu l-appuntament tagħhom sabiex janimaw lil dawk preżenti għal Fun Run. Is-Sindku nfurma li tkellem mas-Sur George Azzopardi, mill-Uffiċċju tal-President u talbu jistieden lill-għaqdiet parteċipanti, għall-festin li jsir kull sena.

### d) *Festival taċ-Ċikkulata 2014*

Is-Sindku nfurma lill-membri li s-Sur Mario Camilleri għadu ma ppreżentax ir-Rendikont Finanzjarju ta' x'ġabar mill-attivita'.

Il-Kunsillier Mario Caruana talab li c-Chocolate Piece tiġi rritornata lill-Kunsill għaliex il-Kunsill ħallas kemm tal-materjal kif ukoll għas-servizz tas-Sur Andrew Farrugia. Is-Sindku saħaq li din il-piece se tiġi displayed f'Tigne Point u l-flus li se jinġabru minnha se jmorru kollha għall-Istrina.

### *e) Triq Kanonku Bonnici*

Is-Sindku fisser li se jsir studju dwar jekk hux vijabbli li jsir rain water culvert minflok resurfacing. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lil membri li dawn ir-residenti qed jaffaċjaw problema ta' parking. Is-Sindku fisser li meta bagħat għar-residenti aktar ġew tal-ħwienet milli residenti.

### *f) Zebra Crossing fi Triq Ħal Qormi*

Il-Viċi Sindku, Christian Sammut fakkar sabiex titneħħa l-bozza tal-Belisha Light fi Triq Ħal Qormi. Dan għaliex hemm periklu kontinwu għaliex in-nies jużaw din il-parti tat-triq biex jaqsmu, speċjalment filgħaxijiet. Is-Sindku ta spjega tal-każ tal-belisha light fi Triq San Ġorġ Preca u dwar il-battibekk mas-Sur Cleaven Vella, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sindku jaqbel li l-bozza titgħatta u nagħmlu pressjoni mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex titressaq.

### 5. Attivitajiet tal-Milied 2014

Is-Sindku nfurma lill-membri dwar il-laqgħat mal-Ħamrun Business Forum , fejn anke stieden lill-kunsilliera jattendu wkoll, iżda ma dehrux tant ta' għajnuna. Is-Sindku fisser li l-Businesses ma kkoperawx u dejjem jaħdmu l-istess erba' ħwienet, fosthom Geoffrey tal-Vetrina. Is-Sindku jiddispjaċih li ma kienx hemm konkorrenza min-naħa tal-ħwienet, dan minkejja l-fatt li l-Kunsill prova jagħmel inċentivi sabiex jgħin lill-ħwienet fosthom is-sospensjoni tal-1Hr Parking Scheme, li naqqas drastikament il-preżenza tal-Gwardjani lokali u l-Festival taċ-Ċikkulata u xorta baqgħu ma kkoperawx. Is-Sindku nfurma wkoll li Elia Caterers, The Sevens, Bargain Depot, Top Choice u Chemimart ħadu l-inizzjattiva fejn ħolqu kumitat u nvestew fi skema ta' reklamar li tinvolvi ħafna flus.

Is-Sindku staqsa lill-membri jekk hux vijabbli li niddiskutu mal-baned u jorganizzaw xi ħaġa huma matul il-ġranet tal-Milied u għal dan is-servizz isir bi ħlas mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku Christian Sammut fakkar lis-Sindku li l-Għaqda Mużikali San Gejtanu offfiret li ddoqq ġaladarba tingħalaq Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħti € 300 għal servizz ta' marċ jew daqq ta' Carols lill-għaqdiet parteċipattivi. Il-Viċi Sindku semma' li qegħdin tard wisq għall-baned. Is-Sindku ssuġġerixxa li jitkellem mal-Baned. Il-Viċi Sindku saħaq li huwa mportanti li jsir reklamar tal-attivitajiet għax huwa inutli li l-Kunsill jorganizza u n-nies ma tiġix.

### 6. Claudio Cassar – Champion tal-Blackball Competition

Is-Sindku nfurma lill-membri li dan l-aħħar Ħamruniż għamel ġieħ lill-Ħamrun u lil Malta meta ħareġ rebbieħ fil-kompetizzjoni Mondjali tal-Blackball. Is-Sindku semma' li l-Kunsill ta spazju fil-ġurnal fejn feraħ lis-Sur Cassar tas-suċċess miksub. Is-Sindku ssuġġerixxa li s-Sur Cassar jingħata rikonoxximent issa. Il-Viċi Sindku u l-kunsillier Mario Caruana ssuġġerw li dan ir-rikonoxximent jingħata f'Jum il-Ħamrun.

7. **Korrispondenza**

a) Petizzjoni dwar tneħħija ta' Bring in Site fi Triq it-Tramm ma' Triq Roger Debattista. - Il-Kunsilliera kollha qablu li l-iskop ta' dan il-bring in site mhux jintlaħaq. Għaldaqstant għandha tinstab alternattiva.

b) Skip fi Triq Atocia - Il-Kunsill qabel li jiddiskuti din il-kwistjoni titpoġġa on hold u tiġi diskussa aktar 'l quddiem.

c) Talba għal U-Bar quddiem Carabella, Triq Ħal Qormi. Is-Sindku nfurma lill-membri li din il-U-Bar kienet tqaċċet. Għaldaqstant għandha terġa' tiġi nstallata. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

d) UIF Funds; Is-Sindku nfurma lill-membri preżenti li bħalissa l-Kunsill għandu madwar €42,000 f'dan il-fond.

e) Signal 8 Security; Il-Kunsill qabel li nivverifikaw il-ftehim preżenti u mmorru għall-orħos offerta.

f) One Way System fi Triq Lord Byron; Is-Sindku nfurma lill-membri li r-residenti kien ġabru petizzjoni u għaddewha għall-attenzjoni ta' Transport Malta sabiex Triq Lord Byron issir One Way. Transport Malta talbet lill-Kunsill sabiex tagħmel Public Consultation mar-residenti u stakeholders tal-madwar qabel tittieħed deċiżjoni dwar din il-kwistjoni.

8. **Skeda ta' Ħlasijiet**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

9. **Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti**

Il-Viċi Sindku, s-Sur Christian Sammut infurma lill-membri preżenti li l-Kunsill taż-Żgħażagħ rebaħ l-Ewwel Premju tal-Proġett. Iż-żgħażagħ se jaħdmu DVD tas-snajja tal-Ħamruniżi, fejn se jintervistaw persuni anzjani u jirrakkuntaw id-diversi snajjiet tal-imgħoddi. Il-Viċi Sindku nfurma lill-membri li ż-żgħażagħ qed jiddiskutu li jorganizzaw Sports Day f'waħda mill-iskejjel primarji, iżda se jiġi diskuss il-programma ta' attivitajiet u forsi sa laqgħa oħra jkun jista' jippreżenta l-proposta quddiem il-Kunsill.

Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Party tal-Milied għat-tfal hux se jsir din is-sena u jekk hux se jiġi vvutat budget . Il-Kunsill qabel li għandhom jinġabru quotations.

Il-Kunsillier Mario Caruana talab li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-infermiera li offrew is-servizz tagħhom mingħajr ħlas, għall-għoti tal-injection tal-influenza. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**10. Aġġornament.**

Il-laqgha ġiet aġġornata.

Il-laqgħa ntemmet fis-8.20p.m.

____________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
DATA